MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2011

Talba Numru. 40/2008

Peter Paul Grima

vs

Valerie Meilaq

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fit-3 ta’ Novembru 2008, li jaqra hekk :-

‘Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lir-rikorrenti Peter Paul Grima s-somma ta’ elfejn sitt mija u tmienja u sebghin Ewro u tmienja u sebghin centezmi (€2,678.78), dovuti lir-rikorrenti bhala bilanc ta’ hlas ta’ xoghol ta’ tikhil u tpoggija ta’ madum, kisi, tqeghid ta’ drenagg, konkos u xoghol iehor li huwa ghamel fuq inkarigu tal-intimata fil-fond ta’ residenza taghha fi Triq It-28 t’April 1688, Qala, Ghawdex ;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali numru 369/2008 u tal-ittra interpellatorja datata 30 ta' Novembru 2007, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta ;

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta ghas-subizzjoni.' ;

Il-konvenuta permezz tar-risposta taghha pprezentata fit-22 ta' Dicembru 2008, eccepiet :-

' It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda minn dan it-Tribunal ghas-segwenti ragunijiet :

(1) Illi fl-ewwel lok ix-xoghol maghmul mill-attur ma giex maghmul skond is-sengha u l-arti u/jew mhux tal-kwalita' pattwita, u l-attur ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tax-xogholijiet rimedjali li parti minnhom kellhom diga' jigu effettwati u dan anke' minhabba inadempjenza u dewmien minn naha tal-attur ;

(2) Illi f'kull kaz l-ammont mitlub huwa eccessiv ;

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.' ;

Sama' l-provi ;

Ra l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti esibiti ;

Ra wkoll l-atti tal-kawza Avviz numru 2/2008, fl-ismijiet Joseph Buttigieg vs Valerie Meilak, li kienet miexja kontestwalment ma' din il-kawza u li l-provi f'wahda kellhom japplikaw ghal provi fil-kawza l-ohra u *vice versa* ;

Zamm ukoll access fit-3 ta' Gunju 2010, fil-fond residenza tal-konvenuta fi Triq It-28 t'April 1688, Qala, fejn saru x-xogholijiet mill-attur ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Illi din hija kawza ghall-hlas ta' xoghol imwettaq b'appalt li l-attur jghid li gie mqabbad jaghmel mill-konvenuta. Il-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti :-

- F'Settembru 2006, il-konvenuta tat lill-attur b'appalt it-tikhil tad-dar taghha minn barra u minn gewwa, il-kisi' tas-soqfa, it-tpoggija tal-madum, u l-moghdija tad-drenagg ;

- L-istima miftiehema bejn il-partijiet ghal dan ix-xoghol kienet ta' elfejn u sebgha mitt liri Maltin (Lm2,700), illum ekwivalenti ghal €6289.30, u minn dan l-ammont il-konvenuta hallset lill-attur depozitu akkont ta' sebgha mitt lira maltin (€700), illum ekwivalenti ghal €1,630.56 ;

- Il-ftehim sar bil-fomm ;

- Il-provvista tal-materjal ghax-xoghol imwettaq mill-attur baqa' a karigu tal-konvenuta ;

- Fi Frar 2007, l-attur waqaf jahdem u mar l-Awstralja ghal xi zmien, u wara li gie lura ssokta jahdmilha ghal ftit taz-zmien iehor, u mbaghad informa lill-konvenuta li kien ser jiqfilha mix-xoghol u li kien ser ikomplilha x-xoghol kuntrattur iehor ;

- L-attur inkariga lil Joseph Buttigieg biex ikompli x-xoghol li kien fadallu jsir, u dan ukoll ghamel kawza kontra l-konvenuta ghax jippretendi wkoll hlas minghand il-konvenuta fl-ammont ta' sitt mija u hamsa u disghin liri Maltin (Lm695), illum ekwivalenti ghal €1,618.91, li ggib l-Avviz numru 2/2008, fl-ismijiet : Joseph Buttigieg vs Valerie Meilak, liema kawza kienet qeghdha tinstama' kontestwalment ma' din il-kawza ;

Illi l-ilmenti tal-konvenuta kif jirrizulta car minn Nota taghha tad-9 ta' Marzu 2009, a fol.11, huma principalment tlieta :

(a) Li l-attur ma wettaqx l-appalt fiz-zmien miftiehem, u skond hi x-xoghol kollu li dahal ghalih l-attur kellu jlestih sa zmien tliet xhur ;

(b) In-nuqqas ta’ adempjenza da parti tal-attur tal-ftehim pattwit, li jibda u jlesti ix-xoghol kollu li kien accetta li jaghmel u li kien dahal ghalih ;

(c) L-ammont ta’ erbgha mitt lira Maltin (Lm400), illum ekwivalenti ghal €931.75 ghal xoghol iehor *extra* li ma kienx inkluz fl-istima originali, huwa esagerat ;

Kuntrarjament ghal dak li gie minnha eccepit fir-risposta taghha, f’din in-Nota taghha l-konvenuta ma ndikat bl-ebda mod fejn ix-xoghol li sar mill-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha jew dak li sar mhuwiex tal-kwalita’ pattwita. Lanqas ma pproduciet ebda prova ta’ xoghol rimedjali li kellha taghmel b’haddiema jew kuntratturi ohra biex irrangat x-xoghol li sar mill-attur, jew esibiet ricevuti ta’ hlasijiet ta’ xogholijiet rimedjali li skond hi, kellha taghmel. Kien biss fic-certifikat tal-Perit Arkittett Edward Scerri (dokument CB1) li gie ndikat xi xoghol mal-ezegwit ;

Billi ma saret ebda kitba bejn il-partijiet, mhuwiex car it-terminu li gie appost ghall-esekuzzjoni tal-appalt. Wiehed ghalhekk jistaqsi jekk l-attur setghax jesegwixxi l-appalt f’kull zmien. Huwa riportat li meta ma jkun hemm ebda zmien stabbilit ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni, dan ifisser li allura l-appaltatur seta' jesegwixxi l-appalt f'kull zmien, dejjem pero’ jekk ma jigix provat li gie kostitwit in mora. Dan ghaliex skond il-ligi taghna meta l-konvenzjoni ma tiffissax terminu ghal kompiment ta' l-obbligazzjoni assunta mhux bizzejjed biex l-appaltatur jigi dikjarat inadempjenti, imma jehtieg li jkun waqa' f'mora bil-kostituzzjoni tieghu ghal dak l-effett b'interpellazzjoni gudizzjarja da parte tal-appaltant. Dan jista' jigi hekk rikavat mill-konfront tad-disposizzjonijiet kontenuti fl-Artikoli 1077, 1078 u 1130 tal-Kodici Civili. Ara f’dan ir-rigward id-decizjonijiet fl-ismijiet : **Charles Portelli et vs Joseph Darmanin et pro et noe**, Qorti tal-Kummerc, 20 ta' Jannar 1959 u **John**

**Fenech vs Napoleone Grech**, Qorti tal-Kummerc, 30 ta' Mejju 1961. Ma jirrizultax mill-atti li l-attur qatt kien gie kostitwit in mora b'att gudizzjarju mill-konvenuta. Il-protesti verbali li kien hemm jew seta' kien hemm da parti tal-konvenuta ma jibbastawx. Dan ghaliex '*dove la legge esige che certe interpellazioni perche` siano produttive di effetti giuridici debbono rivestire la forma dell'atto giudiziario non e` lecito ritenere che vi possa supplire la protesta verbale o scritta fatta altrimenti che per organo del tribunal.*' [Appell Kummercjali, **Giuseppa Cilia vs Giuseppe di R. Wismayer**, 13 ta' April 1921] ;

L-appaltatur kommissjonat minn bicca xoghol ghandu bi dmir l-oneru li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess u li dan ix-xoghol jezegwih tajjeb f'kull rispett. Dan it-Tribunal iqisu nuqqas serju, anzi' agir irresponsabbli da parti tal-attur li l-ewwel accetta li jidhol ghall-appalt u mbaghad halla lill-konvenuta bhall-Erbgha fost il-gimgha u dahlilha kuntrattur iehor biex jissokta x-xoghol hu minfloku bla ma kienet taf kif dan il-kuntrattur l-iehor jahdem. Il-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-kuntrattur l-iehor li qabdilha l-attur biex jissokta l-appalt ma kienx bniedem ta' hila u ghamlilha xoghol hazin. Meta l-attur ghamel dan, il-konvenuta mhux talli tterminat l-appalt, izda talli accettat lil dan il-kuntrattur l-iehor u ssoktat ix-xogholijiet bih minkejja li deheret li ma kenitx soddisfatta mill-kwalita' tax-xoghol tieghu. Ma saret ebda kontro-talba mill-konvenuta ghad-danni fil-konfront tal-attur minhabba l-inadempjenza kontrattwali tal-attur jew talli dan qabdilha persuna bla hila biex tissokta l-appalt, u ghalhekk f'dan ir-rigward dan it-Tribunal mhuwiex ser jillikwida ebda danni. Lanqas fir-risposta taghha l-konvenuta ma eccepiet xejn f'dan is-sens, u x-xoghol li minnu hi kienet qed tilmenta jirrizulta mill-provi li ma kienx sar mill-attur odjern, izda minn Joseph Buttigieg, li kien inkarigah l-attur sabiex ikomplilha l-appalt. Mix-xoghol li lahaq wettqilha l-attur sa ma waqaf ma jirrizultax mill-atti li ghall-konvenuta din ma kenitx soddisfatta bih. Minkejja li l-konvenuta kienet inghatat l-opportunita' biex permezz ta' Nota telenka x-xoghol li skond hi, ma sarx skond l-arti u s-sengha, fin-Nota taghha ma semmiet xejn liema mill-bicciet tax-xoghol li sar mill-attur ma sarx skond l-arti u s-sengha jew li mhuwiex tal-

kwalita' pattwita jew fejn kellha taghmlu mill-gdid b'haddiehor ;

L-attur qed jitlob is-somma ta' disgha mija u wiehed u tletin Euro u hamsa u sebghin centezmi (€931.75) ghax-xoghol ta' tahmil m'ghola filata li sar fil-livell tal-pjan terran, liema xoghol il-partijiet jaqblu li ma kienx inkluz fl-istima originali. Skond l-attur huwa ghamel dan ix-xoghol bil-haddiema tieghu; tlieta minn nies, ghaxar sieghat kulljum ghal erbat ijiem shah, kalkolu ta' mija u ghoxrin siegha b'kollox. Mill-access li dan it-Tribunal zamm fil-fond tal-konvenuta, iqis li t-talba tal-attur ghal dan ix-xoghol hija pjuttost wahda esagerata. Il-pjan terran tad-dar tal-konvenuta huwa pjuttost limitat fil-kobor tieghu u jikkonsisti f'zewgt ikmamar laterali ta' daqs normali, entrata zghira, kaxxa tat-tarag zghira, kcina u dining *combined*, u kamra tal-banju zghira. Il-konvenuta kienet accettat li thallas tliet mija u hamsin Euro (€350) biex l-attur jissokta jaghmel dan ix-xoghol ta' tahmil bil-haddiema tieghu wara li parti minn dan ix-xoghol kien lahaq sar minn missierha u l-*partner* taghha. Wara li dan it-Tribunal qies ic-cirkostanzi kollha u l-fatt li l-attur kellu wkoll, ftit jew wisq, l-ghajnuna ta' missier il-konvenuta u l-*partner* taghha, ghal dan ix-xoghol, iqis li l-attur ma kellux aktar minn jumejn u nofs xoghol biex fannad din il-filata mill-materjal, li kif iddikjara hu stess dan ix-xoghol ghamlu bi tliet haddiema tieghu ghal ghaxar sieghat kull gurnata, u ta l-konkos, u l-hlas ta' erba' mija u sitta u sittin Euro (€466) ghal dan ix-xoghol addizzjonali li sar mill-attur iqisu hlas gust u ekwu ;

Ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn mitejn u tlettax –il Euro u tliet centezmi (€2213.03), bhala bilanc lilu dovut ghax-xoghol li gie minnu mwettaq fid-dar tal-konvenuta, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur din is-somma.

Fic-cirkostanzi l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru b'effett mid-data ta' din is-sentenza sal-effettiv pagament.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal sesta parti (1/6) mill-attur filwaqt li l-bqija mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------